

Brussell, 24 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15393/25

ECOFIN 1515
UEM 544
FIN 1350
ECB
EIB

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - l-Italja – Adozzjoni

1. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, kif tinsab fid-dokumenti 10160/21 + ADD 1 REV 2, approvat il-valutazzjoni pożittiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") tal-Italja f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241.
2. Dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata aktar tard fid-19 ta' Settembru 2023, it-8 ta' Diċembru 2023, l-14 ta' Mejju 2024, it-18 ta' Novembru 2024 u l-20 ta' Ġunju 2025.
3. Fl-10 ta' Ottubru 2025, l-Italja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 fuq il-bażi li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, l-Italja ppreżentat RRP emendat.
4. Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Italja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stipulat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza,

l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

5. F'dan il-kuntest, filwaqt li taġixxi abbażi tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-6 ta' Novembru 2025 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja, li tinsab fid-dokumenti ST 14949/25 u ST 14949/25 ADD 1-2.
6. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposta fil-25 ta' Novembru 2025 u laħaq qbil dwar it-test, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.
7. It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif finalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokumenti 15106/25 u 15106/25 + ADD 1.
8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-testi, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti, ta':
 - a) id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja, kif tinsab fid-dokument 15106/25, u
 - b) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja, kif jinsab fid-dokument 15106/25 + ADD 1, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq flimkien mal-Anness tagħha bħala "Punt A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.